MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 107/2002/1

***Iris Templeman***

***vs***

***Silvio Templeman***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi b'sentenza moghtija minn dan l-Onorabbli Bord fis-7 ta' Mejju 1996 Iris Templeman giet awtorizzata tirriprendi l-pussess tal-garaxx bin-numru hdax, Imsida Road, Gzira u ghall-fini ta' zgumbrament mill-intimat, ippreffiggiet terminu ta' xahar mid-data imsemmija, bl-ispejjez kontra l-intimat.

Illi din is-sentenza hija res judikata;

Illi sal lum ghaddew hames snin mid-data li minnha dik is-sentenza setghet giet esegwita;

Illi l-intimat ghadu ma zgumbrax il-garaxx imsemmi u l-esponenti nominee ghadhom ma rriprindewx il-pussess tieghu kif jigi konfermat bil-gurament fit-trattazzjoni.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti fil-kwalita' premessa taghhom jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu jrendi s-sentenza fuq premessa moghtija fis-7 ta' Mejju 1996 fil-kawza fl-*Iris Templeman vs Silvio Templeman* esegwibbli skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra <u>r-risposta</u>

Illi l-persuna li qed tirraprezenta dan ir-rikors tigi oht l-intimat in kwantu illi x'aktarx li r-rikorrenti minhabba l-istat ta' sahhitha mijiex a pjena konoxxenza ta' dawn il-passi, u kwindi l-esponent jezigi illi jara b'liema awtorita' qedgha ssegwi l-interess tar-rikorrenti Sheryl Templeman.

Illi l-attrici hija uzufruttwarja ta' nofs il-fond filwaqt illi l-esponent ghandu sehem indiviz mill-fond in kwistjoni bhala werrieta u kwindi l-izgumbrament ma' jistax jintalab minn Iris Templeman bhala uzufruttwarja peress illi hi m'ghandhiex din l-azzjoni ghad-dispozizzjoni taghha stante illi l-azzjoni ta' zgumbrament titqies bhala wahda petitoria u mhux possessoria.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti u l-atti kollha.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti.

Ra l-verbal tat-28 ta' Jannar, 2004.

Ra l-art 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li l-intimat ma ressaq l-ebda provi dwar dak li jinghad fir-risposta.

Ra s-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-7 ta' Mejju 1996 (diversament presedut).

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna t-twettiq ta' l-imsemmija sentenza b'effett millum.

L-ispejjez jithallasu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------